



**2020/2026(INL)**

12.11.2021

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar statut għall-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ transfruntieri Ewropej (2020/2026(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Anna Júlia Donáth

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA\_INL

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ (NPOs) qegħdin dejjem ikunu aktar involuti f'attivitajiet ekonomiċi u jikkontribwixxu għall-iżvilupp rapidu tal-ekonomija soċjali, inkluż billi jinvolvu ruħhom maċ-ċittadini biex jifhmu aħjar il-bżonnijiet tagħhom u jemanċipawhom, u b'hekk dan iġib benefiċċji soċjetali fir-rigward tal-benesseri taċ-ċittadini, l-edukazzjoni, is-saħħa, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-impjiegi ta' kwalità inklużivi fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew, inkluż għal persuni b'diżabilità u persuni li jagħmlu parti minn komunitajiet emarġinati, u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni; billi l-iżvilupp tal-ekonomija soċjali jikkontribwixxi direttament għat-tiżiħ tas-suq uniku u l-benesseri tal-popolazzjoni;
- B. billi l-pandemija tal-COVID-19 uriet ir-rwol ċentrali tal-NPOs biex jipprovdu informazzjoni u appoġġ liċ-ċittadini, u enfasizzat ir-rwol importanti tagħhom biex jipprovdu l-kura, inkluża dik medika u soċjali, speċjalment lill-persuni u l-komunitajiet vulnerabbli u emarġinati;
- C. billi l-NPOs għandhom rwol ċentrali fid-demokrazija billi jeżerċitaw sorveljanza pubblika fuq is-setgħa politika bħala komponent essenzjali ta' ekosistema tal-istat tad-dritt ta' demokrazija b'saħħithom, jesprimu u jqassmu l-aspirazzjonijiet u l-interessi preżenti fis-soċjetà lil dawk li jfasslu l-politiki, iwettqu promozzjoni, jikkontribwixxu għat-tfassil informat tal-politiki bl-għarfien espert u ġenerali tagħhom fil-qasam, u f'dak li jirrigwarda ċ-ċittadinanza attiva u responsabbli, biex b'hekk tiġi promossa parteċipazzjoni attiva tal-pubbliku fil-proċess demokratiku u l-governanza, billi tiżdied it-trasparenza fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u jitrawwmu d-dibattiti pubbliċi u l-pluraliżmu fis-soċjetà; billi, għal dan il-għan, huwa kruċjali li l-NPOs jibbenefikaw minn ambjent li jippermettilhom li jirnexxu fl-Unjoni kollha;
- D. billi l-Istatut għall-Assoċjazzjonijiet Ewropej għandu jiffoka fuq kwistjonijiet transkonfinali filwaqt li jindirizza wkoll kwistjonijiet ta' spazju ċiviku, peress li t-tnejn huma essenzjali għal demokrazija li tiffunzjona tajjeb;
- E. billi l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirrikonoxxi r-rwol tal-NPOs fil-ħajja demokratika u jispeċifika li l-istituzzjonijiet għandhom jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jgħarrfu u jiskambjaw pubblikament il-fehmiet tagħhom fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni, u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom iżommu djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u s-soċjetà ċivili;
- F. billi l-Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiggarantixxi d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni fil-livelli kollha; billi dak id-dritt huwa garantit fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fl-Unjoni kollha; billi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà ta' assoċjazzjoni tikkostitwixxi waħda mill-bażijiet essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista minħabba li tippermetti liċ-ċittadini jaġixxu b'mod kollettiv f'oqsma ta' interess reċiproku; billi l-ostakli għat-twettiq ta' azzjoni ċivika

transfruntiera jillimitaw l-kisba tal-libertà ta' assoċjazzjoni;

- G. billi l-NPOs fl-Unjoni kollha rrapportaw restrizzjonijiet tal-ispazju ċiviku, relatati mal-ambjent regolatorju li joperaw fih u ma' (bidliet fil-) leġiżlazzjoni li jaffettwaw ix-xogħol, il-finanzi u l-finanzjament tagħhom, u d-dritt tagħhom għall-parteċipazzjoni b'diffikultajiet dejjem akbar biex jilħqu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-kontribuzzjoni għat-tfassil tal-politiki u l-leġiżlazzjoni u ambjent mhux sikur b'attakki u fastidju dejjem aktar inkwetanti, inkluż diskors negattiv intiż biex ineħħi l-leġittimità u jstigmatizza l-NPOs kif ukoll ir-rikors għal kawża strateġika kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) li jista' jwassal għal punt fejn l-NPOs iwaqqfu l-ħidma kritika tagħhom;
- H. billi l-NPOs għandhom rwoli importanti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li f'bosta każijiet l-attivitajiet tagħhom huma ostakolati minn xkiel legali u amministrattivi u mil-limiti mqiegħda fuq il-kapaċità organizzattiva tal-NPOs biex joperaw fuq livell transfruntier, li jirriżulta f'użu insuffiċjenti tal-potenzjal tagħhom, speċjalment f'regjunu transfruntiera;
- I. billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxiet li l-Istat għandu obbligu pożittiv li jiżgura t-tgawdija tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u li nstab fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ottubru 2005 dwar l-Applikazzjoni Nru 74989/01, Ouranio Toxo a.o. vs il-Greċja, li "ir-rispett ġenwin u effettiv għal-libertà ta' assoċjazzjoni ma jistax jitnaqqas għal sempliċi dmir min-naħa tal-Istat li m'għandux jinterferixxi"; billi fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-78/18<sup>1</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) iddeċidiet li l-libertà ta' assoċjazzjoni ma tinkludix biss il-kapaċità ta' ħolqien jew xoljiment ta' assoċjazzjoni iżda tkopri wkoll il-possibbiltà li dik l-assoċjazzjoni taġixxi fil-frattemp;
- J. billi l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ħolqot każistika konkreta<sup>2</sup> dwar il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni u l-moviment liberu tal-kapital li huma applikabbli għal donazzjonijiet u għal organizzazzjonijiet transfruntiera stabbiliti fi Stat Membru ieħor; billi dawk il-prinċipji huma rikonoxxuti minn sentenzi tal-QĠUE iżda għadhom mhumiex applikati fl-Istati Membri kollha u billi huma mistennija miżuri konkreti mill-Kummissjoni biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata lil hinn mis-sensiela ta' proċeduri ta' ksur li diġà nfetħu dwar is-suġġett;
- K. billi terz tal-popolazzjoni tal-Unjoni jgħix f'reġjuni viċin il-fruntieri interni bejn l-Istati Membri b'numru dejjem j iżdied ta' inizjattivi transfruntiera li, madankollu, sikwit ikunu limitati minn diskrepanzi fl-ambjent regolatorju u l-iżvilupp tas-settur mingħajr skop ta' qligħ fuq in-naħat tal-fruntiera;
1. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett leġiżlattiv li joħloq Statut għall-Assoċjazzjonijiet Ewropej u li jistabilixxi regoli komuni u standards minimi għall-

<sup>1</sup> Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija*, C-78/18, ECLI:EU:C:2020:476, paragrafu 113.

<sup>2</sup> Sentenza tal-Qorti tal-14 ta' Settembru 2006, *Centro di Musicologia Walter Stauffer vs Finanzamt München für Körperschaften*, C-386/04, ECLI:EU:C:2006:568, Sentenza tal-Qorti tas-27 ta' Jannar 2009, *Hein Persche vs Finanzamt Lüdenscheid*, C-318/07, ECLI:EU:C:2009:33 u s-Sentenza tal-Qorti tal-10 ta' Frar 2011, *Missionswerk Werner Heukelbach eV vs Stat Belġjan*, C-25/10, ECLI:EU:C:2011:65.

NPOs biex dawn jeżerċitaw id-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u biex ineħħu l-ostakli li jimpedixxu lill-NPOs milli jwettqu r-rwol fundamentali tagħhom fis-soċjetà u jikkontribwixxu għat-tiġid tas-suq uniku;

2. Jenfasizza li d-definizzjoni ta' standards komuni għall-NPOs ser tippermetti rieżami għodidjarju koerenti fil-livell tal-Unjoni u tistabbilixxi l-pedamenti għal każistika futura potenzjali li ser tgħin biex jissaħħu l-istandards madwar l-Unjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li huma parti essenzjali tad-dritt tal-Unjoni;
3. Iqis li l-ħolqien ta' Statut għall-Assoċjazzjonijiet Ewropej, li ilu tant mistenni, huwa pass kruċjali fit-trawwim ta' spazju ċiviku fil-livell tal-Unjoni, dialogu u kooperazzjoni transfruntiera, skambji bejn iċ-ċittadini u riflessjoni dwar l-istorja u l-valuri komuni; jirrimarka li tali Statut jassisti lis-soċjetà ċivili tal-Unjoni fl-istrutturar tagħha stess, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-iżvilupp ta' networks Ewropej, u b'hekk jippermetti lill-Assoċjazzjonijiet Ewropej ikollhom rwol aktar importanti fit-tiġid tal-parteċipazzjoni ċivika fit-tfassil tal-politiki tal-Unjoni;
4. Jenfasizza li, fid-dawl tal-għadd dejjem akbar ta' theddid li jmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, bħall-emerġenza klimatika, il-ħsarat ambjentali, il-pandemiji, l-użu ħażin ta' teknoloġiji diġitali u ż-żarmar tal-istad tad-dritt f'bosta Stati Membri, iżda wkoll fir-rigward tad-diversi proġetti transfruntiera li jirnexxu, għandu jsir l-aħjar użu mill-potenzjal tal-attivitajiet transfruntiera tal-NPOs sabiex ikunu jistgħu jisfruttaw bl-aħjar mod l-għarfien espert tagħhom fil-livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni sabiex ikompli jissaħħaħ ir-rwol tagħhom fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-għieda kontra d-diskriminazzjoni u l-appoġġ taċ-ċittadini, speċjalment il-persuni emarġinati u vulnerabbli; jenfasizza li l-attivitajiet transfruntiera għandhom ifissru kemm attivitajiet jew kooperazzjoni mwettqa f'aktar minn Stat Membru wieħed kif ukoll attivitajiet li jipromwovu l-oġettivi tal-Unjoni jew jikkontribwixxu għall-promozzjoni u s-salvagwardja tal-valuri tagħha;
5. Jiddeplora l-għadd ta' ostakli legali u amministrattivi li l-NPOs jiffaċċjaw meta jinvolvu ruħhom f'attivitajiet transfruntiera li jistgħu jkunu ta' skoraġġiment milli jespandu l-attivitajiet tagħhom lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom; jenfasizza li standards minimi għall-NPOs stabbiliti fil-livell tal-Unjoni huma essenzjali għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali madwar l-Unjoni u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi li jużaw is-setgħa tas-suq uniku;
6. Jiddeplora li, f'għadd ta' Stati Membri, l-NPOs tħallew barra mill-iskemi ta' għajjnuna ta' rispons għall-pandemija;
7. Huwa konxju li l-qafas għal azzjoni disponibbli bħalissa għas-soċjetà ċivili indipendenti f'xi Stati Membri huwa limitat ħafna; iqis li l-NPOs ma jistgħux jirnexxu fil-livell tal-Unjoni jekk l-ispazju li joperaw fih qiegħed jiġi mnaqqar jew ristrett apposta f'għadd ta' Stati Membri; iqis, għaldaqstant, li l-istabbiliment ta' standards minimi komuni għal regoli u proċeduri li japplikaw għall-NPOs ser jgħin ukoll biex jiġi pprovdut livell minimu ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha minn ksur tad-dritt jew minn prattiki li jaffettwaw il-libertà ta' assoċjazzjoni u biex jinxterdu l-aħjar prattiki; jitlob b'mod partikolari li jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' rapportar u trasparenza imposti fuq l-NPOs jirrispettaw il-prinċipji tal-ħtieġa u l-proporzjonalità sabiex ikun possibbli l-iskrutinju

pubbliku mingħajr ma jiġu imposti rekwiżiti ta' piż żejjed;

8. Jenfasizza li l-promozzjoni pubblika u l-attivitajiet tal-NPOs għandhom jiġu rikonoxxuti bħala li huma fl-interess pubbliku sakemm ma jkunux immirati b'mod sistematiku u dirett biex minnhom jibbenefikaw partit politiku speċifiku jew individwi speċifiċi involuti fil-kampanji elettorali;
9. Jenfasizza l-importanza assoluta tal-NPOs fir-reġjuni transfruntiera u l-Ewroreġjuni; jisħaq li billi f'ħafna reġjuni transfruntiera NPOs għandhom rwol importanti fil-faċilitazzjoni tal-konnessjonijiet mas-soċjetà ċivili, u għadd dejjem jikber ta' NPOs joperaw fuq livell transfruntier, għad fadal ostakli legali u fiskali;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija dedikata u komprensiva biex issaħħaħ is-soċjetà ċivili fl-Unjoni, inkluż billi tintroduċi miżuri li jiffaċilitaw l-operazzjonijiet ta' assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ fil-livelli kollha ta' governanza; jissuġġerixxi li, fejn rilevanti, il-Kummissjoni għandha tikkomplementa l-atti legali mitluba f'dan ir-rapport b'linji gwida biex tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra proposta għal ftehim interistituzzjonali dwar id-djalogu ċivili kif ukoll proposta għal status parteċipattiv għall-NPOs, billi tiegħu eżempju mill-istatus mogħti lill-NPOs mill-Kunsill tal-Ewropa u min-Nazzjonijiet Uniti; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga modi kif jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-Grupp ta' Djalogu Ċivili li huwa parti mill-programm taċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri;
11. Jisħaq li taħt ebda ċirkostanza d-definizzjoni ta' standards minimi għall-NPOs fil-livell tal-Unjoni m'għandha tirriżulta fi tnaqqis fil-livell tal-istandards fi kwalunkwe Stat Membru; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi suġġerimenti għal rimedju legali għall-NPOs fl-att legali mitlub f'dan ir-rapport;
12. Jirrikonoxxi l-importanza li l-NPOs jikkonformaw mar-regoli nazzjonali fil-qasam tat-tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus; jisħaq, madankollu, li r-regoli fil-qasam tat-tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, kif ukoll ir-regoli dwar it-trasparenza tal-finanzjament b'mod ġenerali, m'għandhomx jiġu abbużati biex jostakolaw l-attivitajiet tal-NPOs u joħlqu effett dissważiv li jaffettwa lill-membri u lid-donaturi tagħhom;
13. Jenfasizza li diskriminazzjoni arbitrara u motivata politikament ibbażata fuq l-oġettivi u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet, kif ukoll ibbażata fuq is-sorsi ta' finanzjament tagħhom, tfixkel il-libertà ta' assoċjazzjoni u hija, għalhekk, theddida għal-libertà ta' espressjoni; jinnota f'dan ir-rigward li l-ħolqien u r-reġistrazzjoni ta' NPOs fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali m'għandhomx ikunu mfixkla minn tali diskriminazzjoni;
14. Ifakkar fl-importanza ta' ġurnaliżmu indipendenti, imparzjali, professjonali u responsabbli għall-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-NPOs kemm fil-midja privata kif ukoll fil-midja pubblika kif ukoll l-importanza tal-aċċess għal informazzjoni pluralistika bħala pilastru ewleni tad-demokrazija; jinsab imħasseb dwar kampanji ta' malafama u litigazzjoni abbużiva kontra atturi involuti fil-parteċipazzjoni pubblika, inklużi NPOs, f'diversi Stati Membri minn uffiċjali eletti, korpi pubbliċi jew entitajiet ikkontrollati pubblikament kif ukoll minn individwi u entitajiet privati; jenfasizza li l-Parlament bħalissa qed jaħdem fuq rapport fuq inizjattiva proprja dwar is-suġġett tal-kawżi SLAPP;

15. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament adegwat u abilitanti għall-NPOs fil-livell tal-Unjoni u tiffaċilita l-aċċess tal-NPOs għal tali finanzjament; jitlob f'dan ir-rigward il-ftuħ tal-potenzjal sħiħ tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u sorsi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni; jissottolinja li l-finanzjament għandu jkun disponibbli fil-livelli kollha, mil-livell lokali sal-livell tal-Unjoni; jinnota li ħafna drabi l-fondi tal-Unjoni disponibbli għall-NPOs jeħtieġu kofinanzjament, li jfisser li l-benefiċjarju jeħtieġ li jiġbor sehem mill-fondi meħtieġa minn sorsi oħra, u, f'dak id-dawl, jirrakkomanda l-evalwazzjoni li tingħata l-possibbiltà li jissarrfu fi flus diversi mezzi ta' riżorsi alternattivi bħall-ħin volontarju jew il-kontribuzzjonijiet *in natura*;
16. Isostni li l-Istati Membri m'għandhomx jintroduċu jew japplikaw dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali li jirrestrinġu jew b'xi mod ieħor jaffettwaw ħażin ir-reġistrazzjoni, l-operazzjonijiet, il-finanzjament u l-movimenti transfruntiera tal-NPOs; jinsab imħasseb f'dak ir-rigward bl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni minn xi Stati Membri li jwasslu għall-kriminalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-NPOs fil-qasam tat-tfittxija u s-salvataġġ u tal-ġhajjnuna lil dawk li jfittxu ażil;
17. Jenfasizza li l-korpi nazzjonali maħtura għar-reġistrazzjoni u s-sorveljanza tal-NPOs għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-att legali mitlub f'dan ir-rapport għandhom ikunu legalment distinti u funzjonalment indipendenti mill-gvernijiet rispettivi tagħhom u minn kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor;
18. Jappella lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħatra ta' korp tal-Unjoni jew ta' entità amministrattiva interna biex ikollhom il-kompitu li jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Istatut għall-Assoċjazzjonijiet Ewropej u li jwettqu l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tar-regoli minimi għall-NPOs, hekk kif mitlub f'dan ir-rapport; jissottolinja l-importanza tat-trasparenza għal dak il-korp jew l-entità u l-*modus operandi* tagħhom; jissuġġerixxi li din tista' tkun ukoll il-punt fokali għall-NPOs biex jirrapportaw ksur possibbli tal-istandards minimi u tad-drittijiet mogħtija lill-NPOs mid-dritt tal-Unjoni;
19. Iqis li d-definizzjoni fil-livell tal-Unjoni ta' standards minimi għall-NPOs biex jirċievu status ta' benefiċċju pubbliku għandha tippermetti rikonossiment reċiproku fl-Istati Membri kollha u tiffaċilita t-trattament ugwali f'termini ta' benefiċċji mogħtija; jisħaq li donaturi lil NPO ta' benefiċċju pubbliku fi Stat Membru li jirċievi status ta' benefiċċju pubbliku fi Stat Membru ieħor għandhom igawdu l-istess benefiċċji daqslikieku qegħdin jagħtu donazzjoni lil organizzazzjoni domestika;
20. Jissottolinja l-importanza li jkun hemm definizzjoni unifikata tal-Unjoni ta' "benefiċċju pubbliku", li tippermetti lill-NPOs kollha li joperaw skont l-Istatut għall-Assoċjazzjonijiet Ewropej igawdu b'mod ugwali l-vantaġġi assoċjati;
21. Jissuġġerixxi l-użu ta' definizzjonijiet ikkalibrati bir-reqqa u konformi mad-dritt tal-Unjoni biex tiġi ċċarata t-tifsira ta' kunċetti ewlenin li nkella jaf ikun hemm ir-riskju li jibqgħu wisq vagi; jissottolinja l-ħtieġa ta' ċarezza dwar liema tipi ta' assoċjazzjonijiet ser ikunu u koperti mill-Istatut għall-Assoċjazzjonijiet Ewropej u liema mhumiex se jkunu koperti.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.11.2021
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 44 -: 6 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Vasile Blaga, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Caterina Chinnici, Clare Daly, Anna Júlia Donáth, Cornelia Ernst, Maria Grapini, Sophia in 't Veld, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Emil Radev, Ralf Seekatz, Birgit Sippel, Sara Skytvedal, Tineke Strik, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Romeo Franz, Beata Kempa, Ondřej Kovařík, Rob Rooker, Maria Walsh
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Aguilera, Claudia Gamon, Martin Hojsík, Antonius Manders, Alin Mituța, Maria Noichl, Janina Ochojska, Michaela Šojdrová, Ivan Štefanec



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

44	+
ECR	Assita Kanko
PPE	Vasile Blaga, Jeroen Lenaers, Antonius Manders, Roberta Metsola, Janina Ochojska, Emil Radev, Ralf Seekatz, Sara Skyttedal, Michaela Šojdrová, Ivan Štefanec, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Maria Walsh, Javier Zarzalejos
RENEW	Malik Azmani, Anna Júlia Donáth, Claudia Gamon, Martin Hojsík, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Ondřej Kovařík, Alin Mituța, Maite Pagazaurtundúa
S&D	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Caterina Chinnici, Maria Grapini, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Maria Noichl, Birgit Sippel, Bettina Vollath, Elena Yoncheva
THE LEFT	Konstantinos Arvanitis, Clare Daly, Cornelia Ernst
VERTS/ALE	Patrick Breyer, Saskia Briemont, Damien Carême, Romeo Franz, Tineke Strik

6	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Beata Kempa, Rob Rooker
ID	Peter Kofod, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni